MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru. 23/2000
Kawza Numru. 4

**Il-Pulizija**
**(Spetter Antonello Grech)**

**- vs -**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Borg ta' 17-il sena iben Piju u Rita nee` Mercieca imwieled Rabat, Ghawdex fl-24 ta' Lulju 1981 u residenti Nru 41, Triq Sant Ursola, Rabat, Ghawdex (Karta tal-Identita' Numru 18881 G) kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

**Billi inti akkuzat (A) talli f'Ghawdex fil-15 ta' Frar 1998 u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiiet ta' Malta;**

**(B) talli f'Victoria, Ghawdex fil-15 ta' Frar 1998 biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (e) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-26 ta' Frar 1999 sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal-ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat illi dawn l-akkuzi ingiebu kontra l-imputat wara illi l-Pulizija intercettat persuna fil-pussess ta' sustanza abbuziva konsistenti f'ghaxar sigaretti tal-haxixa Cannabis. Din il-persuna ammettiet li s-sustanza kienet taghha u li kienet xtrata minghand l-imputat meta kienu iltaqghu il-Planet Disco. L-imputat kien interoggat mill-Pulizija u kien ammetta maghhhom illi hu kien issuplixxa lill persuna misjuba fil-pussess tas-sustanza u li hu stess kien sab id-droga mohbija f'ghar. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkonferma illi kien sab il-haxixa Cannaibs u wara li kkonvinca lill siehbu biex ibieghlu ftit minnha mar igib l-istess li kienet mohbija that l-ghatba tat-Thunder Disco. L-imputat ikkonferma din l-istqarrija quddiem din il-Qorti.

Minn dak li ngieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti jirrizultaw provi bizzejjed sabiex tinstab htija kontra l-imputat.

Gahl dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 8 (d) u (e), u l-artikoli tals-sezzjon VI tal-Kap 101

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat u semghet ix-xhieda tal-karattru mressqa mid-difiza; Tenut kont illi fid-data tal-kommissjni tar-rejat l-imputat kellu 17-il sena oltre li ikkollabora mal-Pulizija ai termini ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101;

Tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ xahrejn mil-lum oltre multa ta’ mitt lira u cioe` l-piena stabbilta’ mnaqqsa b’zewg gradi skond l-artikolu 29 Kap 101;

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex jattendi ghal-htigijiet ta’ kura li tista’ tkun rikjesta mill-imputat biex ixhedd il-vizzju tal-konsum tad-droga.

--------------------------------TMIEM--------------------------------